# It-Tifkira Sinifikattiva ta' Monument f'Ġieħ Malta Rebbieħa fl-Isla

L-Isla, minħabba l-pożizzjoni strateġika tagħha fil-Port il-Kbir, kellha sehem sħiħ fl-istorja glorjuża ta' Malta, kemm dik tal-Assedju l-Kbir tal-1565 u kemm dik tal-aħħar gwerra dinjija 1939 – 1945.

Fir-rebħa fl-Assedju tal-1565, l-Isla ngħatalha t-titlu ta' ***Civitas Invicta*** (Belt Qatt Mirbuħa) għar-reżistenza qawwija li offriet lit-Torok biex l-Isla ma taqax f'idejn il-Misilmin. Kieku l-belt tal-Isla waqgħet f'idejn il-għadu, kien jagħmilha aktar faċli għat-Torok li jirbħu l-aħħar fortizza li kien għad baqa', jiġifieri l-Birgu. Kieku ġara dan, il-Birgu kien jiġi mdawwar minn kullimkien bil-għadu. U hekk it-Torok kienu jkunu qrib ħafna li jiksbu r-rebħa fuq Malta li kienet ġġib għajb għall-Ewropa ta' dak iż-żmien.

Mela jagħmel ħafna sens, li fl-Isla tiġi ċċelebrata bil-kbir il-festa tal-Vitorja mat-tifkira tal-Assedju l-Kbir. Tabilħaqq għandu jkun minnu li fl-Isla dawn iċ-ċelebrazzjonijiet jilħqu l-milja tagħhom. Ma' ftuħ Settembru l-qlub Sengleani u dawk Maltin jixgħel fihom is-sens patrijottiku ta' Malta rebbieħa. B'turija ta' dan, it-8 ta' Settembru sar tant għażiż, li dan il-jum sar Jum Nazzjonali.

Imur ħafna għalhekk li fil-ġranet sbieħ ta' Settembru, qrib sewwa ta' Jum il-Vitorja, sewwasew fis-6 ta' Settembru, l-Isla tfakkar ir-rebħa tal-Assedju tal-1565. Fl-isbaħ parti tal-Isla, bħala monument tar-rebħa, tintrema' kolonna kbira u fuqha, statwa imponenti ta' *Malta Rebbieħa,* li tisraq ix-xena tal-madwar. L-istess lok jieħu s-sura ta' dak nazzjonali, jiġifieri jintremaw trofej b'tema Maltija b'parafernalja tal-gwerra ta' dak iż-żmien li filwaqt li jfakkarna fl-imgħoddi ta' aktar minn 400 sena ilu, jitqajjem miegħu s-sens ta' nazzjonaliżmu patrijottiku.

Din il-kolonna kbira b'erba' panewijiet għoljin, għandha fil-kantunieri tagħha, erba' Torok, fosthom mara, b'ħarsithom 'l fuq lejn l-istatwa



*Il-kolonna bl-istatwa ta' 'Malta Rebbieħa' armata fis-snin ta' qabel il-gwerra fi Triq il-Vitorja kantuniera ma' Triq id-Duluri.*



*Trofew Nazzjonali - wieħed minn tmienja li jintramaw madwar il-kolonna tal-Malta.*







**Statwi t'erba' Torok iżejnu l-erba' rkejjen ta' din il-kolonna. Wieħed iżomm l-iskudu tal-Gran Mastru La Sengle u ieħor bl-iskudu tal-Gran Mastru La Vallette fuq quddiem (fuq) filwaqt li ieħor juri l-istemma tal-Gran Mastru D'Homedes u Torka bl-iskudu tal-Gran Mastru Cottoner fuq wara (isfel)**













***L-erba' skrizzjonijiet miktubin fuq kartelli fuq l-erba' panewijiet tal-kolonna tal-Malta***

ta' *Malta Rebbieħa* bħala ammissjoni tar-rebħa. F'idejhom iġibu erba' emblemi tal-Gran Mastri: dik ta' D'Homedes, La Valette, La Sengle u Cottoner. Il-faċċatiet wieqfa tal-kolonna huma mżejna bi skrizzjoni fuq parċmina dekorattiva.

Fl-ewwel panew, jiġifieri dak li jinsab fuq quddiem tal-kolonna, faċċata ta' Triq il-Vitorja li twassal sa San Filippu naqraw hekk: ***"Dil-Belt li ma ntrebħitx qawwiet il-fidi"***. Din il-belt, issieltet mhux biss ħalli ma taqax taħt għadu barrani, iżda aktar minn hekk, biex tibqa' tgħożż il-fidi Nisranija li dejjem ħaddnet. Imbagħad kienet l-istess fidi, li raddet lura l-qawwa lis-Sengleani biex il-belt ma tintrebaħx mill-għadu Mislem. Għax kien sewwasew fil-jum tat-Twelid tal-Madonna li waslet ir-rebħa lill-Isla u lil Malta tagħna.

Fuq waħda mill-faċċati tal-ġenb tal-kolonna, tinsab din l-skrizzjoni: ***"Qalbiena Xejn Anqas mill-Aqwa ta' Kull Ġens"***. Din il-kitba tistqarr li, għalkemm żgħar bħala nazzjon, missirijietna rnexxielhom jirbħu fuq għadu kbir fin-numru u fil-qawwa - għalhekk daqs l-aqwa kbar. U iktar minn hekk...meta mbagħad niġu għaċ-ċokon tal-Isla, bi 0.20 kilometru kwadri - daqs nofs il-Vatikan - bi ftit nies qalbiena u bl-għajnuna ta' xi kavallieri, dawn irnexxielhom ma jħallux l-għadu qalil jidħol fil-belt u jirbaħha. Kien hemm iktar minn taqbida waħda. Iżda, fl-aħħar it-Torok ċedew u telqu ħesrem minn gżiritna nhar is-7 ta' Settembru 1565.

Fil-faċċata ta' wara tal-kolonna, jiġifieri dik li jħares lejn il-Bażilika, hemm skrizzjoni li taqra hekk: ***"Malta Grata Lejn Min Xerred Demmu"***. Kienu ħafna dawk fl-Isla u fi nħawi oħra ta' Malta li xerrdu demmhom u ssieltu għalenija biex Malta ma taqax taħt idejn it-Torok. Wara l-waqgħa ta' Sant'Iermu, ħarset il-kavallieri kienet fuq l-Isla. Kollox - tista' tgħid - kien jiddependi ħafna mit-taqbid ta' fuq l-Isla u l-Forti San Mikiel. Il-Maltin u l-kavallieri ħassewhom f'salib it-toroq se jgħaddi minnhom, u għaldaqstant kienu qed jistennew bil-ħerqa l-eżitu ta' din il-battalja. Iżda, minkejja kollox, ir-rebħa fil-fatt ġiet. Għalhekk, x'ma tifraħx u x'ma tfakkarx l-Isla ma' Malta kollha! Sejra qatt l-Isla tinsa lil uliedha għas-sehem kbir u erojku f'din il-ġrajja storika u mdemmija biex b'ħilithom, l-Isla u Malta setgħu jiksbu rebħa sinifikanti....!! Għalhekk ta' kull sena, l-Isla qatt ma tonqosx li tfakkar din il-ġrajja storika.

Fuq ir-raba' u l-aħħar panew naqraw hekk: ***"L-Isla Stħaqqilha Monument F'Ġieħ ir-Rebħa"***. Jekk ma kienx jistħoqq ġieħ lill-Isla ta' din ir-rebħa, mela lil min kien jistħoqqlu ġieħ .... meta l-Isla kienet hi protagonista ewlenija f'din il-ġrajja!

Forsi nista' ngħid li, l-monument tar-rebħa, fl-Isla huwa doppju. Mhux biss għandna l-monument ta' *Malta Rebbieħa* li tintrama kull sena biex tfakkar din ir-rebħa imma monument ieħor dejjem ħaj ta' tempju maestuż b'tifkira tar-Rebħa l-Kbira tal-1565. Hekk insibu mnaqqax b'ittri kbar taħt iċ-ċinta l-kbira tal-frontispizju tal-knisja Bażilika u Kolleġġjata tagħna.

Kien għalhekk ħsieb għaqli u floku meta, qrib il-Forti San Mikiel, inbena dan it-tempju monumentali b'tifkira tar-rebħa kbira, iddedikat lit-Twelid tal-Madonna. Għax kien f'dan il-Jum, tat-8 ta' Settembru, li l-Maltin u l-kavallieri kisbu r-rebħa li tniżżlet mdiehba fil-ġrajjiet ta' pajjiżna biex tibqa'.

*Saviour Camilleri*




***Bosta kuruni tar-rand imqieda b'ġieh lejn Malta Rebbieħa jitqiegħdu f'riġlejn dan il-monument mill-għaqdiet Sengleani. Nhar is-7 ta' Settembru titqiegħed oħra mill-Kumitat Festi Nazzkonali***